**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2015**

| IR-RABA' SENA | IL-MALTI | L-ISKEMA TAL-MARKI |
|---|---|---|

| | | Il-Marki | Il-Kummenti |
|---|---|---|---|
| **IL-FEHIM MIS-SMIGĦ** | | **10 marki** | |
| **F'din it-taqsima ma jitnaqqsux marki għall-ortografija.** | | | |
| **1.** | a. disa' darbiet | **marka** | |
| **2.** | ċ. 12-il darba aktar mill-foqra. | **marka** | |
| **3.** | • Foster<br>• irduppjaw id-dħul finanzjarju tagħhom | **2 marki** | marka għal kull tweġiba |
| **4.** | benefiċċji miksuba mit-taxxi | **marka** | aċċetta wkoll tweġibiet b'tifsira simili |
| **5.** | biljun ruħ | **marka** | |
| **6.** | banek privati | **marka** | iridu jingħataw iż-żewġ kelmiet biex tingħata l-marka |
| **7.** | 40 | **marka** | aċċetta wkoll "erbgħin" |
| **8.** | terz; ⅓ | **marka** | aċċetta wkoll "wieħed minn tlieta" |
| **9.** | 2 dollari | **marka** | aċċetta wkoll "żewġ dollari" |
| | | | |
| **L-EWWEL TAQSIMA: IL-LINGWA** | | **50 marka** | |
| **1A** | **FEHIM IT-TEST** | **10 marki** | |
| **F'din it-taqsima ma jitnaqqsux marki għall-ortografija.** | | | |
| **1.** | Din l-istqarrija tfisser li:<br>• l-ħobż hu xi ħaġa li ssibu f'kull pajjiż tad-dinja ("universali")<br>• fl-istess ħin kull pajjiż għandu l-mod tiegħu kif jagħmlu ("partikulari") | **2 marki** | agħti marka għal kull parti mit-tweġiba; aċċetta wkoll kull tweġiba b'tifsira simili |
| **2.** | • Il-Marsa kien hemm ħafna malarja minħabba l-ilma qiegħed<br>• għaldaqstant ħarġet liġi li ordnat li l-fran tal-ħobż | **2 marki** | marka għal kull tweġiba; aċċetta wkoll kull tweġibiet b'tifsira simili |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | kellhom jinbnew in-naħa ta' Ħal Qormi ħalli d-duħħan li joħroġ miċ-ċmieni, ibiegħed il-marda lil hemm. | | |
| **3.** | Il-Gvernijiet ħarġu liġijiet biex jirregolaw:<br>• il-bini tal-fran<br>• il-kwalità tal-ħobż<br>• il-prezz tal-ħobż. | **2 marki** | l-istudenti mistennija jagħtu żewġ tweġibiet minn dawn it-tlieta u tingħata marka għal kull tweġiba |
| **4.** | Il-ħobż tal-maħlut kien magħmul minn qamħirrun, xgħir u qamħ u kellu lewnu ikrah. Minħabba f'hekk seta' ma kienx popolari ma' kulħadd. | **marka** | aċċetta wkoll kull tweġiba b'tifsira simili |
| **5.** | Il-ftira Maltija hija ħobż biż-żejt u taħwir ieħor filwaqt li dik Għawdxija jkun fiha għadd ta' ingredjenti partikulari li Malta m'aħniex imdorrijin nagħmlu mal-ftira. | **3 marki** | aċċetta wkoll kull tweġiba b'tifsira simili |
| | | | |
| **1B** | **GĦARFIEN IL-LINGWA** | **5 marki** | |
| **F'din it-taqsima ma jitnaqqsux marki għall-ortografija.** | | | |
| **1.** | (i) jipprovdi/jagħti | **marka** | aċċetta wkoll kull tweġiba b'tifsira simili |
| | (ii) in-naħat/l-inħawi | **marka** | aċċetta wkoll kull tweġiba b'tifsira simili |
| **2.** | Mhux kulħadd għandu l-istess gosti u preferenzi tal-ħobż Malti. | **marka** | aċċetta wkoll kull tweġiba b'tifsira simili |
| **3.** | "ħabbieża" u "furnara" | **marka** | biex tingħata l-marka jridu jingħataw iż-żewġ sinonimi |
| **4.** | • permezz tal-kelma "missirijietna" l-awtur qed joħodna lura fiż-żmien u d-drawwiet tal-imgħoddi<br>• ried jurina n-nuqqas ta' għarfien u tagħlim li kien hawn fl-imgħoddi | **marka** | agħti ½ marka għal kull parti mit-tweġiba; aċċetta wkoll kull tweġiba b'tifsira simili |
| | | | |
| **1Ċ** | **IL-GRAMMATIKA** | **10 marki** | |
| **Matul dan it-taħriġ jekk f'xi tweġiba l-istudenti jkollhom żball ortografiku ma jiħdux il-marka allokata.** | | | |
| **1.** | ħarxa, kbira | **marka** | taċċettax aġġettivi li huma newtrali bħal *l-ogħla* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2.** | bosta | **marka** | |
| **3.** | ir-Repubblika tal-Maċedonja; ix-Xmara Vardar; Sar; Ibħra Adrijatiku u Eġew; Danubju; il-Baħar l-Iswed | **marka** | waħda minnhom; aċċetta wkoll “Maċedonja”, “Vardar”, “Adrijatiku” u “Eġew” |
| **4.** | wied | **marka** | |
| **5.** | elfejn, seba’ mija u erbgħa u sittin | **marka** | importanti li n-numri jinkitbu sew; f’każ li l-konġunzjoni “u” titħalla barra imma n-numri jinkitbu tajjeb, agħti l-marka sħiħa |
| **6.** | ĊENTR | **marka** | |
| **7.** | -at | **marka** | |
| **8.** | għ-r-f | **marka** | |
| **9.** | mix-xmara tiżbokka fil-baħar | **marka** | trid tkun tajba kollha biex tingħata l-marka |
| **10.** | kienu jiddominaw | **marka** | trid tkun tajba kollha biex tingħata l-marka |
| | | | |
| **1D** | **IL-KITBA L-QASIRA** | **5 marki** | |
| **Imxi mal-iskema ta’ marki li ġejja. L-istudenti jridu jagħżlu rapport (i) jew (ii). F’din it-taqsima jitnaqqsu l-marki għall-ortografija. F’każ li l-kitba tkun 10% anqas mill-ammont mitlub, naqqas marka għal kull 10 kelmiet nieqsa.** | | | |
| | It-Titlu/Titlu xieraq | **marka** | |
| | L-Ortografija (titnaqqas il-marka jekk hemm 5 żbalji jew aktar). | **marka** | |
| | Il-Kontenut (i):<br>importanti li jissemmew uħud mill-punti li ġejjin:<br>• meta sar l-avveniment?<br>• fejn sar l-avveniment?<br>• kemm marru nies jarawh?<br>• x’tip ta’ kanzunetti tkantaw?<br>• x’qalu n-nies?<br>• kemm dam għaddej il-kunċert? | **3 marki** | ara l-punti msemmija taħt “Il-Kontenut” fil-kolonna tal-ġenb |
| | Il-Kontenut (ii):<br>importanti li jissemmew uħud mill-punti li ġejjin:<br>• kemm ħadu sehem nies fl-avveniment?<br>• kemm inġabru flus?<br>• minn fejn bdiet il-ġirja?<br>• fejn intemmet il-ġirja?<br>• kulħadd kellu jiġri bilfors?<br>• kien hemm min mexa minflok? | **3 marki** | ara l-punti msemmija taħt “Il-Kontenut” fil-kolonna tal-ġenb |

| 1E | IL-KOMPONIMENT | 20 marka | |
|---|---|---|---|

**Imxi mal-iskema ta' marki li ġejja. L-istudenti jridu jagħżlu titlu wieħed. F'din it-taqsima jitnaqqsu l-marki għall-ortografija. F'każ li l-kitba tkun 10% anqas mill-ammont mitlub, naqqas marka għal kull 10 kelmiet nieqsa.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **L-ESPRESSJONI BIL-MALTI**<br>*l-użu tal-espressjonijiet, l-idjomi, il-vokabularju, il-punteġġjatura u l-binja tas-sentenzi* | Tajjeb ħafna (5) | Tajjeb (4 ) | Mhux ħażin (3) | Batut (2) | Batut Ħafna (1) |
| **L-IDEAT FIL-KITBA**<br>*il-qbil mas-suġġett, is-sekwenza minn ħsieb għal ieħor, l-istil tal-kitba* | Tajjeb ħafna (5) | Tajjeb (4 ) | Mhux ħażin (3) | Batut (2) | Batut Ħafna (1) |
| **L-IŻVILUPP TAL-KITBA**<br>*imqassma f'paragrafi bid-daħla, il-qalba u l-għeluq; il-qbil bejn il-partijiet kollha; il-ġeneru mħaddem tajjeb; fiha l-ammont ta' kliem mitlub* | Tajjeb ħafna (5) | Tajjeb (4 ) | Mhux ħażin (3) | Batut (2) | Batut Ħafna (1) |
| **L-ORTOGRAFIJA** | Bla żbalji ortografiċi (5) | Minn 2 sa 5 żbalji differenti (4) | Minn 6 sa 10 żbalji differenti (3) | Minn 11 sa 15-il żball differenti (2) | Minn 16 sa 20 żball differenti (1) |

| IT-TIENI TAQSIMA: IL-LETTERATURA | | 30 marka | |
|---|---|---|---|
| **2A** | **IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST:<br>IL-POEŻIJA *(BEJN ĦALTEJN)*** | **15-il marka** | |

**F'din it-taqsima ma jitnaqqsux marki għall-ortografija. L-istudenti jridu jagħżlu referenza għall-kuntest (i) jew (ii).**

| **(i)** | ***Quo Vadis*** | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | • it-tema ewlenija hi l-eżistenza<br>• *tweġibiet varji* | **2 marki** | tingħata marka għall-ewwel tweġiba u marka għat-tieni tweġiba; fil-każ tat-tieni tweġiba jeżistu tweġibiet varji |
| **2.** | • il-poeta juża vers ħieles, flimkien ma' versi tronki u watja<br>• biex jgħaddi b'ħeffa minn vers għall-ieħor biex jirrifletti l-għaġla tal-ħajja tan-nies | **2 marki** | tingħata marka għall-ewwel tweġiba u marka għat-tieni tweġiba; fil-każ tat-tieni tweġiba aċċetta tweġibiet varji li jagħmlu sens |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **3.** | | • versi: 13-14 (“mgħaġġlin” – “sejrin”)<br>• versi: 15-16 (“sabar” – “qabar”)<br>• versi: 14-15-16-17<br>(“sejrin” – “sabar” – “qabar” – “bnedmin”) | **marka** | tweġiba waħda minn dawn |
| **4.** | (i) | • versi: 19-20 (“Qatt ...”) | **marka** | |
| | (ii) | • vers: 3 (“imbiegħda mill-bqija ta’ ħutha)<br>• vers: 6 (“ix-xwejħa ħarruba”)<br>• vers: 7 (“magħtuba”)<br>• vers: 9 (“qed tħares”)<br>• vers: 10 (“ħa tara”)<br>• vers: 12 ( “taħseb”) | **marka** | tweġiba waħda minn dawn |
| | (iii) | kwalunkwe żewġ versi minn strofa 1; kwalunkwe żewġ versi minn strofa 2, versi 12-17, 21-24 | **marka** | |
| **5.** | | • Il-poeta jrid juri kemm l-ambjent jaffettwa l-mod kif il-ħarruba tirreaġixxi għal dak li qed iseħħ madwarha.<br>• Fl-ewwel strofa naraw li l-ħarruba tinsab waħidha, fuq għolja mimlija ġebel (ħajja iebsa u diffiċli), ’il bogħod mis-siġar l-oħrajn, fin-nofs tal-wied, f’ambjent paxxut u komdu. Bis-saħħa ta’ dan, il-ħarruba tista’ tosserva n-nies għaddejjin madwarha, dejjem mgħaġġlin. | **2 marki** | tingħata marka għall-ewwel tweġiba u marka għat-tieni tweġiba; aċċetta wkoll tweġibiet simili; importanti li joħroġ il-punt li s-solitudni/l-ambjent iebes li tinsab fihom l-ħarruba jgħinuha tirrifletti |
| **6.** | | • permezz ta’ din il-kelma, il-poeta jrid jippreżenta lill-bniedem bħala xi ħadd li moħħu biss fil-ġid tad-dinja u qed iwarrab valuri oħra li jsebbħu l-ħajja<br>• *tweġibiet varji* | **3 marki** | jingħataw 2 marki għall-ewwel tweġiba u marka għat-tieni tweġiba; fil-każ tat-tieni tweġiba jeżistu tweġibiet varji |
| **7.** | | • mistoqsijiet rettoriċi<br>• permezz ta’ dawn il-mistoqsijiet rettoriċi, l-għan tal-poeta mhuwiex li jsib tweġibiet imma li jnissel fina l-ħeġġa li naħsbu u nirriflettu fuq l-eżistenza tagħna | **2 marki** | tingħata marka għall-ewwel tweġiba u marka għat-tieni tweġiba; fil-każ tat-tieni tweġiba jeżistu tweġibiet varji |
| **(ii)** | | ***Niftakar ...*** | | |
| **1.** | | għax f’din il-poeżija, il-poeta jiftakar kemm:<br>• fil-ġurnata taż-żwieġ tiegħu ma’ martu<br>• kif ukoll f’dakinhar tal-funeral ta’ martu | **2 marki** | tingħata marka għall-ewwel tweġiba u marka għat-tieni tweġiba |
| **2.** | | • il-kuntrast ewlieni hu bejn dakinhar taż-żwieġ tal-poeta ma’ martu (ġurnata ta’ ferħ u festa) u dakinhar tal-funeral ta’ martu (ġurnata ta’ diqa u niket) | **3 marki** | tingħata marka għall-ewwel tweġiba u 2 marki għat-tieni tweġiba (marka għall-punt u |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | • il-ferħ taż-żwieġ joħroġ fl-ewwel strofa: il-qniepen idoqqu mota ferrieħa, il-fwieħa taż-żahar tal-fjur, il-wiċċ ħamrani tal-għarusa mimli ħeġġa, għaqda u ħolm fil-futur sabiħ<br>• in-niket tal-funeral joħroġ fit-tieni strofa: il-qniepen idoqqu mota ta' niket, il-ħoss tal-kazzola, xbubija meqruda qabel iż-żmien, solitudini | | marka għall-eżempji li jsaħħu l-punt imsemmi) |
| **3.** | | • *is-sens tas-smigħ*: "tal-qniepen il-mota ferrieħa", "l-Ave Maria ta' Schubert"; *is-sens tax-xamm*: "taż-żahar il-fwieħa"; *is-sens tal-mess*: "l-għafsa ta' idek ma' driegħi"; *is-sens tal-ħars*: "l-ħeġġa ta' wiċċek ħamrani"; *is-sens tat-tegħim*: "imb'għad ix-xampanja"<br>• l-użu tas-sensi jgħin biex il-poeżija tingħata libsa reali | **3 marki** | tingħata marka għas-sens, marka għall-eżempju (l-eżempji msemmija huma biss indikattivi) u marka għall-effett li jinħoloq (f'dan il-każ, aċċetta wkoll tweġibiet b'tifsira simili jew relevanti) |
| **4.** | (i) | • versi: 5-6-7 ("U ...")<br>• versi: 21-22-23 ("U ...") | **marka** | tweġiba waħda minn dawn |
| | (ii) | • vers: 21 ("u l-kejk qisu torri bajdan") | **marka** | tagħtix il-marka jekk ma jissemmewx iż-żewġ elementi li bejniethom hemm ix-xebh |
| | (iii) | • id-dija u dawl<br>• tfawwar bil-qawwa bir-ragħwa | **marka** | Aċċetta tweġibiet oħra |
| **5.** | | • il-poeta juża vers ħieles, flimkien ma' versi tronki u watja<br>• in-nuqqas ta' punteġġjatura jwassal biex il-qarrej iħoss ir-ritmu ferrieħi ta' din l-istrofa<br>• juri l-għaġla tat-tifkiriet li ġejjien wara xulxin quddiem għajnejh | **2 marki** | tingħata marka għall-ewwel tweġiba u marka għat-tieni tweġiba; fil-każ tat-tieni tweġiba jeżistu tweġibiet varji |
| **6.** | | kemm "iż-żahar tal-fjuri" u anke l-miżżewġin friski, qed jirrappreżentaw bidu ġdid:<br>• "iż-żahar tal-fjuri" jirrappreżentaw il-bidu ta' ħajja ġdida li tagħti l-frott<br>• permezz taż-żwieġ tagħhom, il-poeta u martu se jibdew ħajja ġdida bħala koppja li jagħtu l-frott fl-ulied li kien se jkollhom | **2 marki** | tingħata marka għall-ewwel tweġiba u marka għat-tieni tweġiba; aċċetta wkoll tweġibiet simili li jindikaw dan ix-xebh simboliku |

<table>
<tr><td>2B</td><td colspan="3">IL-KOMPONIMENT LETTERARJU:<br>IR-RUMANZETT (IL-ĦARSA TA' RUŻANN)</td><td colspan="2">15-il marka</td></tr>
<tr><td colspan="6">Imxi mal-iskema ta' marki li ġejja. L-istudenti jridu jagħżlu komponiment letterarju (i) jew (ii). F'din it-taqsima jitnaqqsu l-marki għall-ortografija. F'każ li l-kitba tkun 10% anqas mill-ammont mitlub, naqqas marka għal kull 10 kelmiet nieqsa.</td></tr>
<tr><td>IL-BINJA TAL-KITBA<br>it-tagħrif mogħti hu marbut mal-mistoqsija; juri għarfien u analiżi tajba tat-test; il-kontenut huwa strutturat sewwa u jsegwi minn parti għall-oħra b'mod naturali</td><td>Tajjeb ħafna<br>(5)</td><td>Tajjeb<br>(4 )</td><td>Mhux ħażin<br>(3)</td><td>Batut<br>(2)</td><td>Batut Ħafna<br>(1)</td></tr>
<tr><td>L-IDEAT FIL-KITBA<br>l-ideat huma mfissra b'mod ċar u msaħħa b'referenzi u/ jew kwotazzjonijiet mit-test imsemmi; tingħata l-interpretazzjoni u reazzjoni personali tat-test mistħarreġ</td><td>Tajjeb ħafna<br>(5)</td><td>Tajjeb<br>(4 )</td><td>Mhux ħażin<br>(3)</td><td>Batut<br>(2)</td><td>Batut Ħafna<br>(1)</td></tr>
<tr><td>L-ORTOGRAFIJA</td><td>Bla żbalji ortografiċi<br><br>(5)</td><td>Minn 2 sa 5 żbalji differenti<br>(4)</td><td>Minn 6 sa 10 żbalji differenti<br>(3)</td><td>Minn 11 sa 15-il żball differenti<br>(2)</td><td>Minn 16 sa 20 żball differenti<br>(1)</td></tr>
</table>